~~ukoll għerejjex miksija bil-ħarir biex ifakkru fl-oqbra ta' Ishak, ta' Sara u ta' Rebekka u dan, li jgħidu li huma midfunîn hemm, ma' Abraham.~~

~~(*Baqa' għal darb'oħra*)~~

---

~~(1) Jiġifieri: "Newemîs plural; kif tgħid is-singulâr?"~~

~~(2) Dawn il-qasien ma ħadthomx jien; tennejthom minn fuq il-ktieb: "Guide of the Holy Land", ta' Patri Barnabè Meistermann O.F.M. (R.I.P.)~~

~~(3) Dan ġara fis-sena 1929. Il-lum nistgħu ngħidu li Malta għandna min hu kiefer aktar minn dawk il-Misilmin ta' Hebron. Dawk qatlu lit-tfal waqt tixwixa, imma min qatel lit-tifel ta' tmien snin, tal-belt, f'Awissu li għadda, qatagħlu għonqu b'demmu biered.~~

~~(4) Dan it-tifsir ukoll ħadtu mill-ktieb ta' Patri Meistermann, għax kif għedt qabel, jiena ma dħaltx ġewwa.~~

# GUZEPPI FLAVJU U L-"INNOCENTI"

Mit-tfâl żgħâr sax-xjuħ għakka, ma hawn ħadd li ma jâfx bil-ħruxija ta' Eôrdi. U dil-ħruxija magħrufa l-aktar mill-ġrajja ta' meta das-sultân ġabar is-subjien kollha ta' Bethlehem u qatilhom, biex fosthom jaħkem lil Bambin. Għax kien jaf li l-Bambin twieled f'Betlehem, imma ma kienx jaf mîn hu.

Issa ftit wara dak iż-żmien inqala' raġel Lhudi, jismu Ġpżeppi Flavju (1), li kiteb l-istorja ta' Erodi bir-rqaqât tagħha kollha. Biex ngħidu hekk, beda l-istorja minn missieru, baqa' jikteb fuq ħûtu u fuqu (imma l-aktar fuqu), u temm fuq uliedu, wara li miet hu.

Trid târa kemm Flavju kiteb irqaqât fuq Erodi? Saħansitra kiteb li darba meta Erodi kien għadu tifel żgħir, bil-lavanja f'idu sejjer l-iskôla rah raġel qaddis jismu Manahem, għajjatlu u tah daqqa b'idu fuq maqagħdu; u qallu: "Iftakar f'did-daqqa li tajtek, u f'dil-kelma li sa ngħidlek: inti għad issîr sultân. Qis mela li tkun tifel tajjeb, għax inkella Alla jgħaddbek!" (*Antiquitates*, ktieb XV, taqsima X, vers 5). Mela int, jidhirlek li Flavju daqqa fuq maqgħad Erodi, meta kien tifel, sa jsemmiha, u l-qtil tal-"Innoċenti" ma jsemmihx? Jiena ngħid, u inti tgħid miegħi, li din hi ħâġa li ma tistâx tkun!

Imma mbagħad hemm ħaġa oħra. In-nies tax-Xerq, jiġifieri l-*Orjentali*, qishom kollha, għandhom drawwa naqra kerha: dak li jgħidu jew jiktbu fuq il-ġrajjiet imgħoddija, jgħaġġbuh wisq, u drabi saħansitra jaqalgħu xi ħaġa minn żniedhom. Ġużeppi Flavju kellu ħafna minn dan. Fil-kitba li kiteb, drâbi ma jaqbilx miegħu n-nifsu; hawn jgħid ħâġa u hemm jgħidha xort'oħra. (Ara "Storia d'Israele", tal-Abbati Ricciotti, faċċata 543). U drabi jaqla' xi ġrajja minn żniedu wkoll, bħal l-istorja ta' kif ħeles mill-mewt meta kien moħbi ġewwa l-bir ta' Jotapata (*De Bello Judaico*, k.III, t.VIII, v.7) (2). U d-drabi li jgħaġġeb il-ġrajjiet, ma jingħaddux!

U hekk donnu li għamel fil-qtîl tal-"Innoċenti". Daqs kemm għaġġeb il ġrajja, anqas baqgħet tingħaraf! Kif sa naraw hawnhekk.

Mela Ġużeppi Flavju kiteb li meta Erodi kien marid f'Ġerku, u qata' qalbu li jfiq, u għaraf li kien wasal għal mewt, amar li jinġiebu r-rġiel



*Betlehem, Palestina. Dehra tal-belt ta' Betlehem. Fuq ix-xefaq tidher il-għolja għamla ta' lembut, li fuqha kien jinsab il-qabar ta' Erodi.*

*ewlenija* kollha, *wieħed minn kull familja*, *tal-Ġens Lhudi*, u meta nġabru għalaqhom kollha fil-Hippodrôm ta' Ġerku, hemm fejn kien marid, u ħalliehom hemm. Imbagħad bagħat għall-oħtu Xalôma u għal żewġha Alexas (Aleksas), u qalilhom



*Betlehem, Palestina. Pittura tat-Trabi Innoċenti, ġewwa l-għar fejn jinsab il-Qabar tagħhom, qrib mill-Grotta fejn twieled Ġesù.*

hekk: "Jiena dal-waqt immut, għax l-uġiegħ li għandi ma niflaħx naħmlu aktar. Naf li kull ħadd għandu jmut, għal hekk il-mewt ma għandix noħodha bi kbira. Imma ninsâb imnikket għal ħaġa waħda: għax in-nies lili jobgħoduni, u meta mmut, ħadd ma jagħli għalija u jibkini, bħal hu xieraq li jibku t-telfa tas-sultan. Għalhekk irrid nitlobkom ħaġa li jekk twegħduni li tagħmluha, tnaqqsuli ħafna minn dan-niket tiegħi, għax meta mmut ikolli min jibkini *waqt il-funerâl*. Irrid mela, li malli ruħi toħroġ qabel ma xxandru li jien mitt, ittellgħu s-suldati fuq il-ħitân tal-Hippodrôm, u tamruhom li jiġbdu



*Palestina, qrib Betlehem. Il-għolja, għamla ta' lembut, li fuqha kien hemm il-qabar ta' Erodi.*

bil-vleġeġ fuq dawk li hemm magħluqin ġewwa, u joqtluhom kollha. Hekk nieshom, malli jkunu jafu bil-mewt tagħhom, jibdew jibku; u waqt il-funeral tiegħi ikun hemm il-biki u x-xgħir" (*Antiquitates*, k. XVII, t. VI, vv. 5-6; *De Bello*, k.I t. XXXIII, vv. 6 u 8). Dan kien ġimgħa qabel ma Erodi miet. Jumejn wara qatel lil ibnu Antipater (4); imbagħad biddel it-testment, u

ħamest ijiem wara li qatel lill-ibnu, miet hu. Imma Xalôma u żewġha, ma għamlux kif qalilhom huwa. Għax kif miet Erodi, lil dawk il-maqbûda, fetħulhom il-Hippodrôm u bagħtuhom lejn id-dar.

Dan hu, fil-qasir, dak li kiteb Flavju li għamel Erodi ġimgħa qabel mewtu.

San Mattew kiteb li Erodi, meta jaqbel ma' dak li kiteb San Mattew.

Li kiteb Flavju, li Erodi ġabar l-ew:enîn jew kbarât tal-Ġens Lhudi, u għalqahom fil-Hippodrôm, ma j:stax ikun minnu; għax kieku kien jiġbor magħhom il-Qassis il-Kbir, ix-Xjuh tal-Poplu, :l-Membri tal-Kunsill (is-Sanhedrîn) il-Fareżin u s-Sadduqin, il-Kittieba u l-Imgħallmin tal-Liġi. U hekk ukoll il-għonja u n-negozjanti



*Bethlehem, Palestina. L-artal li taħtu jinsab il-Qabar tat-Trabi bla ħtija maqtulin minn Erodi. F:r-rokna ta' fuq, fix-xellug tar-ritratt, jidher l-inkwatru tal-istampa l-oħra. It-taraġ u l-bieb il-mudlam, fil-lemin, j:eħdu għal Għar fejn twieled Sidna Ġesù*

sama' li f'Betlehem twieled tifel li kellu jkun sultan tal-Lhud, jiġifieri kellu jieħu, s saltna tiegħu jew ta' wl:edu, billi dan it-tifel ma kienx jaf liema hu, bagħat joqtol is-subjien kollha ta' Betlehem u ta' ma' dwarha ta' l-isfel minn sentejn .Issa nagħarblu dak li kiteb Ġużeppi Flavju, ħalli naraw, meta nnaqquh mit-tagħġib li dal-k:ttieb żied miegħu, jiġix l-kbar. Dan ma jistax :kun li għamlu għax kieku għamlu kienet tqum l-akbar tixwixa. Li k:teb San Mattew qiegħed tajjeb wisq; qal li dawk li bagħat jaqbad Erodi k:enu TFAL, subjien, u minn Betlehem u ma' dwarha biss, m'hux mill-pajjiż kollu. U ħin wieħed li kiteb San Mattew jaqbel ma' li kiteb Flavju; b:lli qabadhom minn hemm, għax Erodi

kien qiegħed marid Ġerku, u l-qabar tiegħu kien fuq għolja qrib Betlehem (5), fejn il-lum jgħidulu Ġebel Furedejs. Għalhekk il-funerâl tiegħu kellu jgħaddi minn Betlehem. La darba hu ried li jkollu l-biki minn fejn kellu jgħaddi l-funerâl, mela minn Betlehem u ma dwarha, kif kiteb San Mattew, kellhom ikunu l-maqtulin.

Flavju kiteb ukoll li dawn il-kbarat, jew ewlenin, kienu "wieħed minn kull familja". Din ma fihiex sens. Għax f'kull familja jista' jkun hemm *kbarat* aktar minn wieħed. F'kull familja, tifel *kbir*, jew *bikri*, ikun hemm wieħed biss: il-primoġentu, dak li twieled l-ewwel. Mela l-kelma *kbarat* jew *ewlenin*, għandha tfisser *bikrin*, jiġifieri primoġenti. Din ukoll, imsewwija hekk, taqbel sewwa mal-Evanġelju, għax Ġesù, għad li kien iben waħdani tal-Madonna, kien tassew il-*bikri*, jiġifieri l-ewwel tifel, għad li kien ukoll l-aħħar. Għal dan kiteb San Luqa li ħaduh it-Tempju wara erbgħin jum, u fdewh, billi ħallsu tiegħu żewġ ħamimiet (Luqa, II, vv. 36-38).

Imma San Mattew qal li s-subjien li qatel Erodi kienu ta' minn sentejn 'l isfel. Kif tista' tqabbel dan ma' li kiteb Flavju, li Xalôma, wara li miet Erodi, telqithom u bagħtithom lejn id-dar?

Jekk Flavju kiteb sewwa, dan ifisser li Erodi biex jgħatti dnubu, mal-primoġenti ż-żgħar, bagħat jaqbad ukoll lil kbajrin. Lil dawn fil-Hippodrôm kienu jagħtuhom xi ħaġa x'jieklu u baqgħu ħajjin. Liż-żgħar, imma ħadd ma qagħad jagħtihom il-ħalib f'ħalqhom. Għalhekk, jew mietu bil-ġugħ, għax damu magħluqin fil-Hippodrôm qisu ġimgħa, inkella qatluhom is-suldati, biex ma joqogħdux jisimgħu t-tinwih tagħhom. Lil dawn iż-żgħar biss semma San Mattew. U kienu l-kbajrin, dawk li baqgħu ħajjin, li meta miet Erodi u fetħitilhom il-bieb Xalôma, marru lejn id-dar.

Fl Evanġelju miktub li Erodi Antipa qabad u żamm lil San Ġwann il Għammiedi ħtija ta' Erodija, mart ħuħ Filippu. Flavju kiteb xorta oħra. Qal li għamel dan, għax San Ġwann kien maħbub u mismugħ wisq mill-poplu, u beża' li jqajjimlu xi tixwixa. Aktarx li Antipa qabad lil San Ġwann għal ħaġa l-waħda u l-oħra. U hekk aktarx ġara fuq l-"innoċenti", jew is-subjien bla ħtija. Flavju kiteb li Erodi qabad is-subjien u amar bi qtilhom biex ikun hemm il-biki wara mewtu, u San Mattew kiteb li għamel dan, biex joqtol magħhom lil Bambin, Flavju qal ix-xnija li xterdet, imma San Mattew li kien jaf aħjar kiteb is-sewwa.

Mela l-ġrajja tal-"innoċenti", bil-għajnuna tal-kitba ta' Ġużeppi Flavju, magħrbula u mnoqqija, kienet qisha hekk: Erodi, kif kien Ġerku marid, sama' li f'Betlehem jew fl-inħawi tagħha, kien twieled tifel *bikri*, li kif kienu jgħidu l-Habbara kellu jsir Sultan tal-Lhud. Biex iħares is-saltna tiegħu u jirtuha wliedu, ħaseb li jsib xi strataġemma biex joqtol lil dan it-tifel, bla ma n-nies ikunu jafu il-għaliex. Ġieb skuża tal-funeral; u biex il-ħaġa jgħattiha aħjar, ma ġabarx it-tfal iż-żgħar biss imma l-kbajrin ukoll li kienu bikrija. Dawk li kienu żgħar ħafna mietu bil-

---

*Iż-żamân il-âwwal, hâwwal!* Iż-żmien ta' dari għadda! Jiġifieri ż-żmien jitbiddel dejjem, u kollu għal xejn tixtiequ għax ma jarġax jiġi.

ġugħ jew qatluhom s-suldati; hekk il-ġrajja tal-"Innoċenti" hija tassew storka, u Flavju semmieha, m'hux ma semmihiex.

ELSIE

---

(1) Flavju twieled fis-sena 37 wara Kristu u miet qabel is-sena 100.

(2) L-istorja kif kitibha Flavju n-nifsu hija hekk: Vespasjanu, il-Ġeneral Ruman, billi fil-bir fejn kien moħbi Flavju ma' xi Lhud oħra ma satax jaqbdu, bagħat wieħed ħabib tiegħu jgħidlu jitla' bil-kelma t-tajba. Hu ried jitla', imma sħabu ma reduhx. Għal hekk ftehmu li jtellgħu x-xorti u min jitla' ismu, joqtlu ta' ma' ġenbu, sa ma jinqatlu l-koll. Tellgħu x-xorti u wieħed-wieħed, tala' isem kull ħadd, barra minn ta' Flavju u r-raġel ta' ħdejh. Kif baqgħu huma t-tnejn biss ħajjin, ftiehmu li ma joqtlux lil xulxin, imma jitilgħu għand Vespasjanu, kif għamlu tassew. Għad li dil-ġrajja tgħaddi bħala gidba ta' Flavju, tista' tkun minnha. Jekk il-Lhud l-oħra ma vverifikawx il-papiri li kien fihom miktuba l-ismijiet, *jista' jkun* li Flavju ismu ma kitbux. Dan jidher aktar probabli għax kif qal hu, la tala' ismu biex jinqatel anqas biex joqtol.

(3) Il Hippodrom isthajlu li-*Stadium* tal-Gżira. F'ta' Malta jilgħabu l-*football* u f'ta' Ġerku kienu jġerru ż-żwiemel bil-karrijiet, bħal fil-film ta' "Ben Hur".

(4) Erodi lil ibnu Antipater qatlu hekk: kif kien das-sultan marid, darba, ried tuffieħa u sikkina biex iqaxxarha; u kif kien bis-sikkina f'idu, kien sa jagħti daqqa biha ġewwa sidru. In-nies żammewlu idu u saret għawa kbira. Antipater kif sama' l-għajjat, ferah għax ħaseb li missieru miet, u sa jilħaq huwa sultan floku. Il-għassiesa wasslu dan lil Erodi, li bagħat joqtol lil Antipater bla telf ta' żmien.

(5) Din il-għolja għandha l-għamla ta' lenbut. Ogħla mill-art ta' ħdejha 328 pied, u minn wiċċ il-Baħar Mediterran 2,676. Erodi fuqha kien bena qalgħa li semmieha Herodium (Antiquitates, k. XV, t. IX, v. 4). Difnuh ġewwa dik il-qalgħa, kif kienet ir-rieda tiegħu. Hemm fuq il-lum hemm ħerba ta' bini, imma ma jidher ebda atar tal-qabar tiegħu.

(6) Makrobju, kiteb fis-seklu V li l-Imperatur Awgustu, meta sama' li mas-subjien Innoċenti Erodi kien qatel ukoll lil ibnu, qal: "Aħjar tkun ħanżir t'Erodi milli tkun ibnu!" (Melius est Herodis porcum esse quam filium". Saturnalia, I, 4). Għax Erodi ma kienx jiekol laħam tal-ħanżir, u hekk ma kienx joqtol ħnieżer. Imma minn uliedu qatel tlieta, wieħed minnhom, Antipater, ħamest ijiem qabel mewtu. Dan juri wkoll li l-"ewlenin" ta' Flavju, huma l-Innoċenti, għax tassew li lil Antipater qatlu fiż-żmien li ġabar lilhom. Il-logħob tal-kliem bejn *ħanżir*, bil-Grieg "Ys" u *iben*, bil-Grieg "Yios" jagħti lil min jaħseb li dil-ħaġa minnha, għax Awgustu kien iħobb jiċċajta bil-kliem hekk. Ara: "Storia d'Israele", tal-Abbati Ricciotti, faċċata 410, vol. II.

---

## *IL-FESTI T-TAJBA*

*ID-DIREZZJONI U L-KITTIEBA TA' DAN IL-QARI, JAGĦTU L-FESTI T-TAJBA LIL QARREJJA, LIL NIESHOM U LIL ĦBIEBHOM. IL-BAMBIN TA' BETLEHEM IXERRED FUQHOM IL-BARKA*